**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Seduta Distrett – Mosta**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum:** 25 ta' Settembru, 2018

**Il-Pulizija**
(**Spettur Nicky Vella)**

**-vs-**

**Emanuel Vella, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 859153M**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Emanuel Vella u cioe` talli:

F'dawn il-Gżejjer u ċioe' nhar it-02 ta' Diċembru, 2016, għall-ħabta ta' l-10:36am ġewwa l-ħanut bl-isem 'One Stop Shop', li jinsab fi Triq ta' Mellu, Mosta:

1. Volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor u ċioe kompjuter li hu propjeta' ta' Laura Camilleri liema ħsara tammonta għall-€2448.14.

2. Talli fl-istess jum, lok u ċirkostanzi hedded lil Laura Camilleri bi kliem.

3. Fl-istess jum, lok u ċirkostanzi volontarjament kisser il-bon ordni u l-paċi pubblika b'għajjat u/jew mod ieħor.

Il-Qorti ġiet mitluba li jekk jidrilha xieraq, biex tipprovdi għas-sigurta' ta' Laura Camilleri jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reat, torbot lil ħati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma flus li tiġi ffissata mill-Qorti.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-artikoli.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat-

Illi **Laura Camilleri** xehdet kif l-imputat hekk kif dahal fil-*grocer* li kien bil-kera ghandha, mill-bieb ta' barra, beda jargumenta maghha u ghalkemm talbitu jieqaf minhabba n-nies prezenti dan ma tahx widen. L-argument kien jirrigwarda xi hlasijiet dovuti mill-parti civili lill-imputat. Fost kliem li qalilha kien *"Tinsiex li ghandhek familja int."*[1] L-imputat ipproceda biex jaghti daqqa ta' ponn fuq il-kompjuter li tqaccat, filwaqat li missierha pprova jwaqqfu. Il-computer ma baqax jahdem. In kontro-ezami kkonfermat li kienet ilha *"bit-tikketta"*[2] mal-imputat sa mill-2015 u dan kien rigward somma flus li kienet dovuta lilu.

Illi **Raymond Formosa**, missier il-parte civile, xehed li sema' lill-imputat jghajjat *"ghamilli c-cekk, ghamilli c-cekk"*.[3] Hekk kif ma kienx hemm nies il-hanut resaq lejh u staqsieh kienx kollox sew izda appena telaq min hdejh sema *"bum, bum, bum u x'hin qomt nigri minn mal-art sibt l-iscreen tal-kompjuter maqlugh minn postu u s-sieq tal-iscreen f'idu b'idejh ha jtiha [lil Laura] bih….ghidtlu x'ser taghmel, qbadtha minn idejh u mbuttajtu tajjeb, dar minn warajja, mar in-naha taghha fuq wara tal-counter…gie mal-bieb ta' barra*

[1] Fol.56
[2] Fol.63
[3] Fol.69

*qalli lili, qalli dik it-tifla tieghek? Ghidtlu iwa t-tifla tieghi, qalli u din ma waqfitx hawn u telaq daqshekk."*[4]

Illi **Dr. Martin Bajada** kkonferma li l-hsara kkagonata fuq il-*computer hardware* u l-*monitor* kienet ta' €690 u l-ispejjez biex tigi aggornata s-sistema tal-*bespoke software* tal-*point of sale* huma ta' €495.[5]

Illi gie esebit **CCTV *footage*** li jikkorrobora ghal kollox il-verzjonijiet ta' Laura Camilleri u ta' missierha. L-imputat lanqas wera rispett lejn mara bit-tarbija fi hdanha li kienet warajh taghzel prodotti minn dak li jidher hu delicatessen counter tant deher mitluf f'ghemilu. L-atteggament ostili u aggressiv tal-imputat sahansitra jidher iwerwer lill-istess mara li harget tigri mill-hanut malli ntebhet b'dak li kien qed isehh.[6]

Fid-dawl tal-provi migbura l-Qorti ssib li l-prosekuzzjoni ippruvat il-kaz taghha sal-grad mistenni.

In kwantu ghall-piena l-qorti qiset in-natura tar-reati addebitati w ic-cirkostanzi tal-kaz. Ma giet esebita ebda fedina penali tal-imputat u ghalhekk il-Qorti ser titratta lill-imputat bhala *a first time offender*.

Ghal dawn il-mottivi, wara li rat l-artikoli 17, 31, 338(dd), 339(1)(e) u 325(1)(b) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn millum.

Inoltre` wara li rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lil hati ihallas lill-parte leza is-somma ta' €1,185.

B'applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna lil imputat ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' €402.85 rapprezentanti spejjez peritali.

Finalment a tenur tal-artikolu 382A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tohrog Ordni tat-Trazzin fil-konfront tal-imputat ghaf-favur ta' Laura Camilleri u l-familja taghha ghal zmien tlett snin.

[4] Fol.69-70
[5] Fol.40
[6] Fol.14; Dok. 9/T/2974/2016

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**